Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 16/2015

Il-Pulizija
(Spettur Sylvana Briffa)

Vs

*Omissis*

Illum 30 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant *Omissis* detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 380798M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn id-09:00 ta' filghaxija tad-29 ta' Jannar 2013 u s-06:00 ta' filghodu tat-30 ta' Jannar 2013, ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-18 ta' Frar 2013 u fil-granet ta' qabel din id-data, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra

minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Jannar, 2015, fejn il-Qorti filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, wara li rat l-artikoli 37, 284 u 334 sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu erba' gimghat prigunerija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' *Omissis*, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni tal-14 ta' Jannar 2015, billi tikkonferma dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni u sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u thassar dik il-parti fejn gie kkundannat ghal erba' gimghat prigunerija u minflok tapplika l-artikolu 7 jew 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk l-ordnijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant *Omissis* huma s-segwenti u cioè:-

Illi l-piena ta' erba' gimghat prigunerija inflitta fuq l-esponent hija eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi partikolari u socjali tal-esponent u piena ta' din in-natura f'dan l-istadju tista' ttellef kull tama li l-esponent jirrijabilità ruhu bl-ghajnuna ta' professjonisti.

Illi sfortunatament l-esponent ma kellu ebda persuna f'hajtu li setghet isservi ta' mudell ghalih sabiex jghix hajja normali u sana bhal tfal ohra tal-età tieghu, u ta' età zghira tghallem ifendi ghal rasu, b'rizultat li gie espost ghal aktar influwenzi negattivi li anke wassluh sabiex jibda jimxi fit-triq tal-kriminalità.

Illi l-ġenituri tal-esponent effettivament abdikaw minn kull responsabbilità versu binhom, u llum il-ġurnata, minkejja li għad għandu sittax-il sena, lanqas residenza fissa ma tista' tgħid li għandu u jgħaddu perjodi sħaħ bil-familjari tiegħu lanqas biss ikunu jafu fejn jinsab.

Illi l-esponenti qed jiġi segwit mis-Servizz tal-Youth in Focus fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ li l-isforzi prinċipali tagħhom huwa li jaħdmu ma' adoloxxenti bħall-esponent sabiex jingħata dik l-għajnuna professjonali kollha li għandu bżonn.

Illi effettivament jeżistu raġunijiet biżżejjed sabiex l-esponent jitpoġġa taħt Ordni għall-Ħarsien ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap. 285, li jagħti s-setgħa lil kull Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li tpoġġi minuri li jinstab ħati ta' reat taħt il-ħarsien tal-Ministru kompetenti minflok tinfliġġi piena meta ebda wieħed mill-metodi l-oħra dwar x'jista' jsir bil-każ skont il-liġi ma jkun xieraq u l-minuri jkun jinħtieġ ħarsien jew kontroll li x'aktarx ma jkunx ser jirċievi kemm-il darba din l-istess ordni ma tingħatax.

Illi l-każ tal-esponent huwa proprju każ klassiku ta' minuri li l-ġenituri tiegħu tilfu kull kontroll fuqu u effettivament abdikaw minn kull responsabbilità fil-konfront tiegħu, u minkejja l-isforzi kollha tal-professjonisti li jsegwuh ma ngħata ebda forma ta' protezzjoni bħala minuri vulnerabbli u soġġettibbli għal influwenzi negattivi li kulma jmur qed ikomplu jaggravaw is-sitwazzjoni tiegħu, u dan kif jistgħu jikkonfermaw l-istess ħaddiema soċjali huwa dovut għal nuqqas ta' lok idoneju sabiex jilqa' fih adoloxxenti b'diffikultajiet bħal tal-esponent u jagħtihom għajnuna professjonali f'ambjent strutturat.

Illi fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet, huwa umilment sottomess li l-esponent għandu jingħata kull opportunità sabiex jirċievi għajnuna professjonali bil-għan li jirrijabilità ruħu.

Illi l-professjonisti li jsegwu lill-istess esponent huma tal-umli fehma li piena karċerarja mhijiex idoneja fiċ-ċirkostanzi u pjuttost tista' tesponi lill-esponent għal aktar influwenzi u esperjenzi negattivi u jkun aktar idoneju jekk minflok tiġi mposta

piena karcerarja effettiva, jigi lliberat b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor jew jitpogga taht ordni ta' probation.

Illi ta' min jirrileva li minkejja li fl-epoka ta' meta gie kommess ir-reat ta' recettazzjoni li tieghu nstab hati, jidher li l-esponent kien ghaddej minn perjodu ta' delinkwenza, f'din l-ahhar sena ma gie akkuzat b'ebda reat iehor u fil-fatt, permezz ta' sentenza tal-15 ta' Jannar 2014 l-esponent instab hati ta' imputazzjoni konnessa ma' incident li sehh gewwa l-Ghassa tal-Qawra u gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, kundizzjoni li huwa onora matul din l-ahhar sena.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-12 ta' Mejju ,2019.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell hu limitat għall-piena. Illi hu minnu bhala fatt kif d'atronde stqarr l-istess appellant fir-rikors tieghu u bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** [1] li din il-Qorti ta' revisjoni ftit li xejn tbiddel pieni inflitti mill-ewwel Qorti una volta ikunu inghtaw fil-parametri tal-ligi:

*'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-Iimiti li tippreſiġġi l-lġgi. Dan huwa hekk peress illi min jammettij jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii l-Qorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx Ii din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw ,jekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."*

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** [2] sostniet:

[1] moghtija fis-26 ta' Mejju 2004

[2] -Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[3] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[4] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[5]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[6], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Illi din il-Qorti rat l-atti tal-kawza u senjatament is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti dan bil-ghan li jigi stabilit x'wassal lil Qorti taghti l-piena li infliggiet stante li l-legislatur provda parametri fil-ligi f'kaz ta' sejbien ta' htija.

---

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[4] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[5] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[6] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001

L-ewwel Qorti qiset is-segwenti fatturi qabel ma ghaddiet biex taghti l-piena li errogat.

1. Il-fedina penali tal-imputat. Dwar dan jinghad li l-appellant kellu fedina penali netta (esebita fl-atti u markata bhala dok SB2 a fol 13).
2. Rat li ghalhekk f'dwn ic-cirostanzi setghet tapplika Ordni ta Probation taht il-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta u/jw Ordni ta' Supervisjoni taht l-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta pero l-Qorti rat konsiderazzjonijiet ohra f'dan ir-rigward. Principlament li min dak li inghad lilha mill-haddiema socjali ta l-imputat deher car li iccirkostanzi personali tieghu kienu qed jinfliwixu negttivament fuq il-mod kif jagixxi u jikkomporta ruhu. L-ewwel Qorti hasset li l-appellant ghandu bzon l-ghajnuna.
3. Hija fil-fatt kienet tat chance lill-appellant u poggietu taht ordni provisorja ta supervzjoni sabiex ikollu l-ghanuna ta' ufficcjal ta' probation jiggwidah f'hajtu oero minkejja l-impenn kollu tal-ufficjcjal tal-probation koncernat u l-imputat ma wera l-ebda ko operazzjoni l-imputat kien jattendi ghall-laqghat ma l-ufficcjali tal-probation sporadikament u ma kienx joqghod ghall-ebda direttiva li kienu jinghatawlu u ghalhekk din kienet l-istess attiduini li wera lejn l-haddiema socjali.
4. Dan ifisser li l-appellant ma hux lest li joqghod ghall-ordnijiet li jinghatw lilu u lanqas ma jrid minn jghinu sabeix izomm 'l boghod mill-hajja ta kriminalita.
5. Rat ili applikat l-artikolu 37(2)dwar ir-riduzzjoi fil-piena stant eli l-appellant kien minorenni meta kkommetta ir-reat .

L-appellant jghid li din l-Qorti ghandha tapplika l-artikolu 3 tal-kapitolu 285, l-Att dwar tfal u zaghzagh li jiddisponi s-segwenti:-

*" Meta xi tifel jew żagħżugħ jinstab ħati ta' reat minn jew quddiem xi qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, u fil-fehma tal-imsemmija qorti –*

*(a) ebda wieħed mill-metodi l-oħra dwar x'jista'jsir bil-każ skond il-liġi ma jkun xieraq; u*

*(b) (b) it-tifel jew iż-żagħżugħ ikun jinħtieġ ħarsien jew kontroll li x'aktarx ma jkunx ser jirċievi kemm-ildarba l-qorti ma tagħmilx ordni taħt dan l-artikolu dwaru,dik il-qorti*

*tista', minflok li tikkundannah għal priġunerija jew tipprovdi dwaru b'xi mod ieħor skond il-liġi, tagħmel ordni li bih jitqiegħed taħt il-ħarsien tal-Ministru għal żmien ta' mhux inqasminn sena u mhux iżjed minn ħames snin:*

*Iżda ordni magħmul taħt dan is-subartikolu għandu, kemm-il darba ma jkunx waqaf l-effett tiegħu qabel, jieqaf milli jkollu effett fid-data li fiha t-tifel ew iż-żagħżugħ li dwaru jsir l-ordni jilħaq l-età ta' tmintax-il sena .*

Illi meta l-appellant irrakomanda li din il-Qorti ghandha tordna li l-appellant jitpogga taht ordni ta' harsien qed jirrikonoxxi li ghandu bzonn kura u kontroll f'hajtu. Jinghad pero' li l-appellant twieled fil-11 ta Ottubru 1998 u li illum ghandu wiehed u ghoxrin sena u konsegwentement m'ghadux minorenni u b'hekk din id-disposzjoni tal-ligi ma tapplikax.

Il-Qorti ezaminat l-istqarija tieghu esebita fl-atti u minn qari ta l-istess jirrizulta li l-appellant ta' erbatax-il sena ma kienx ghadu jattendi skola ghaliex kien harab mill-iskola u s-surmast kien keccih u kien qal lill-ommu biex ma tergax tibghatu sakemm jghidilha u qatt ma rega kellimha dwaru. Jghid li jrghix ma zijuh li jircievi l-ghajnuna socjali ghaliex ma jahdimx lanqas. Irrizulta ukoll li wiehed mill-laptops li instabu ghandu mill-pulizija kien gie misruq mill-istess skola li kien jattendi hu li jisimha Verdala.

Fid-dawl tas-suespost minkejja li l-appellant ma kkoperax mal-prosekuzjoni u lanqas ma min kien lest li itih l-ghajnuna qeda tghati l-ahhar chance lill-appellant stante li ma jirrizultax mill-atti li kkommetta reati ohra minn dak in-nhar 'l quddiem. Jidher ukol li ghaddew sitt snin minn meta kkometta ir-reat li tieghu qed jinstab hati u li illum ghandu wiehed u ghoxrin sena u ghalhekk l-Qorti ser ittih il-beneficcju tad-dubbju li seta mmatura xi ftit. Qiset ukoll il-fatt li r-res furtiva li instabet ghandu giet ritornata lil siddha legittima

Konsegwentement stante li l-appellant hu a first time offender ghalkemm jirrizuzlta li huwa bniedem bi problemi socjali hija lesta li tghatih l-ahhar chance u b'hekk serja tirriforma is-sentenza moghtija ill-ewwel Qorti tal-Minorenni fir-rigward tal- piena u sejra tordna li l-piena ta' erba' gimghat prigunerija imposti minnha jigu sospizi u dan sabiex tali piena tahdem bhala deterrent biex izzomm lill-istess appellant 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-entenza lill-appellant u x'jigri f'kaz li jonqos li joservaha .

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li ghandha tilqa' l-appell tal-appellant u qeda filwaqt li tikkonfema is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-mertu fejn sabitu hati tat-tieni akkuza u rrunzjat li tiehu konjizzjoni tal-ewwel akkuza u qeda tirriformaha fir-rigward ta' piena b'dan illi qed tordna li l-piena ta' erba' gimghat prigunerija effettivi imposti mill-Qorti tal-minorenni jigu sospizi ai fini tal-artikolu 28A tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perijodu ta' erbgha xhur m'illum

L-Qorti tordna li l-isem tal-appellant ma jigix pubblikat f'kul mezz tax-xandir stante li meta kkommetta ir-reat kien ghadu minorenni

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef